**Mistoqsija għal tweġiba bil-miktub E-002826/2024**
**lill-Kummissjoni**
Artikolu 144 tar-Regoli ta' Proċedura
**Alexandra Geese (Verts/ALE), Nicolae Ştefănuță (Verts/ALE), Sebastião Bugalho (PPE), Anna Cavazzini (Verts/ALE), Pierre Jouvet (S&D), Merja Kyllönen (The Left), Michael Bloss (Verts/ALE), David Cormand (Verts/ALE), Axel Voss (PPE), Klára Dobrev (S&D), Maria Grapini (S&D), Kim Van Sparrentak (Verts/ALE), Estelle Ceulemans (S&D), Pascal Arimont (PPE), Jutta Paulus (Verts/ALE), Reinier Van Lanschot (Verts/ALE), Eugen Tomac (Renew), Dirk Gotink (PPE), Olivier Chastel (Renew), Benoit Cassart (Renew), Sandro Gozi (Renew), Miriam Lexmann (PPE), Stéphanie Yon-Courtin (Renew), Manuela Ripa (PPE), Markéta Gregorová (Verts/ALE), Virginijus Sinkevičius (Verts/ALE), Katarina Barley (S&D), Hanna Gedin (The Left), Birgit Sippel (S&D), Laura Ballarín Cereza (S&D), Siegfried Mureşan (PPE), François Kalfon (S&D), Veronika Cifrová Ostrihoňová (Renew), Michal Wiezik (Renew), Ľubica Karvašová (Renew), Lucia Yar (Renew), Martin Hojsík (Renew), Ľudovít Ódor (Renew), Murielle Laurent (S&D), Alex Agius Saliba (S&D)**

Suġġett: It-tixrid tad-diżinformazzjoni mis-sistemi ta' rakkomandazzjoni u minn mekkaniżmi awtomatizzati oħra bħala riskju sistemiku fl-ambitu tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali

Wara n-nomina tagħha għall-Kummissjoni bħala Viċi President Eżekuttiv għas-Sovranità Teknoloġika, is-Sigurtà u d-Demokrazija, Henna Virkkunen iddikjarat fit-tweġibiet bil-miktub tagħha li "l-Pjattaformi Online Kbar Ħafna għandhom obbligi addizzjonali, biex jivvalutaw u jimmitigaw riskji serji bħal pereżempju d-diżinformazzjoni, kif ukoll biex jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-kontenut ma jkunx jista' jsir faċilment virali". Matul is-seduta ta' smigħ ta' konferma tagħha fit-12 ta' Novembru 2024, hija kkonfermat li jekk il-pjattaformi "qed ixerrdu d-diżinformazzjoni, dan qed jagħmel ħsara kbira lid-demokraziji, u jista' joħloq riskji sistematiċi".

Mill-Facebook Files tal-2021 'l hawn, għandna evidenza li algoritmi ta' rakkomandazzjoni prevalenti jżidu l-polarizzazzjoni, id-diżinformazzjoni u l-populiżmu. Nafu wkoll li d-diżinformazzjoni tinfirex aktar malajr mill-informazzjoni.

Wara l-elezzjonijiet presidenzjali Rumeni, għandna indikazzjonijiet ulterjuri dwar il-fatt li l-klassifikazzjoni bbażata fuq l-involviment (engagement-based ranking), bħal pereżempju l-algoritmu ta' TikTok, twassal għat-tixrid virali tad-diżinformazzjoni, u dan huwa kkategorizzat bħala riskju sistemiku fl-ambitu tal-Artikolu 34 tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali[1].

Tista' l-Kummissjoni tavża jekk:

1. hijiex qed tippjana li tanalizza r-rwol tas-sistemi attwali ta' rakkomandazzjoni u amplifikazzjoni tal-pjattaformi online kbar ħafna fit-tixrid tad-diżinformazzjoni, b'mod partikolari dak ta' klassifikazzjoni bbażata fuq l-involviment jew amplifikazzjoni akbar għal kontijiet ta' frekwenza għolja?

2. hijiex qed tanalizza soluzzjonijiet alternattivi, bħal pereżempju klassifikazzjoni bbażata fuq it-tqarrib (bridging-based ranking) u rakkomandazzjonijiet ibbażati strettament fuq l-għażla tal-utent fin-nuqqas ta' amplifikazzjoni u tfassil ta' profili mmexxija mill-

[1] ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2065/oj.

pjattaforma?

Imressqa: 9.12.2024